**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Karen u Massimo Camilleri

vs

Agius Photo Studio

CCT 100/17/MS

16 ta' Ottubru 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz ipprezentat mir-rikorrenti fid-29 ta' Mejju 2017 fejn talbu lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-azjenda intimata tirrifondi s-somma ta' €2,096 wara li din tal-ahhar giet ikkummisjonata biex tigbed ir-ritratti u *video* tat-tieg tar-rikorrenti, liema ritratti u *video* qatt ma gew konsenjati minkejja l-hlas komplet tal-ammont mitlub.

Ra illi l-azjenda intimata debitament notifikata fis-16 ta' Gunju 2017, ma dahlet ebda risposta ghat-talba tar-rikorrenti u ghalhekk qed tigi dikjarata bhala kontumaci.

Ra illi r-rapprezentant tal-azjenda intimata, debitament notifikata, ma dehritx meta l-kawza kienet appuntata ghas-smigh.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti Karen Camilleri xehdet illi hi u zewgha kienu bbukkjaw servizz ta' ritratti u *video* minghand Agius Photo Studio ta' Rahal Gdid ghat-tiegi taghhom illi kellu jsir fil-11 ta' Gunju 2011. It-tieg sar u biex jigbed ir-ritratti u l-*video* kien hemm it-tifel tal-imghallem. It-tieg mar kollox kif suppost u jumejn wara rcevew telefonata minghand it-tifel tal-imghallem li qalilhom sabiex ihallsu l-ammont kollu ta' €2,096. Hekk ghamlu izda minkejja iz-zmien u l-isforzi tar-rikorrenti, is-servizz baqa' mhux sodisfatt u r-ritratti u l-*video* qatt ma gew konsejati. Meta r-rikorrenti infaccaw lis-sid il-hanut, dana qalilhom illi ma kien jaf b'xejn bil-pagament u li t-tifel kien mar il-Libja fuq xoghol. Sussegwentement, ir-rikorrenti qatghu qalbhom milli jircievu xi haga minn dak ikkuntrattat u adixxew lil dan it-Tribunal ghas-sodisfazzjoni mehtieg.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' verzjoni ohra dwar ix-xhieda moghtija mir-rikorrenti u ghalhekk m'ghandha l-ebda raguni ghaliex tiddubita minn dak illi xehdet ir-rikorrenti bil-gurament. It-Tribunal jissimpatizza mas-sitwazzjoni kerha tar-rikorrenti illi minhabba n-negligenza u d-dizonesta' tal-azjenda intimata dawn m'ghandhomx rikordju tal-aktar gurnata importanti f'hajjithom. Ta' dan hadd u xejn ma jista' jikkumpenshom u l-inqas li jista' jaghmel dan it-Tribunal illi li jilqa' t-talba taghhom fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lilli-azjenda intimata li thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €2,096 kif indikat fl-avviz.

Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**